**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum l- 4 ta' April, 2024**

**Rikors numru: BCT/46/2023**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)

Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.

Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Vincent Buttigieg**

**vs**

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mis-Sur Vincent Buttigieg (K.I 22858G) fil-kapacita tieghu bhala *Site Manager*, rigward żvilupp li jinsab fis-sit at, New Street off, Triq il-Wardija, Qala, fejn huwa ppremetta u talab is-segwenti:

> *"Nixtieq nirregistra appell dwar multa li kienet imposta fuqi bhala Site Manager fur xoghol kopert minn permess PA/8959/20. Il-multa kienet gustifikata bil-frazi:*
>
> *Xogholijiet fil-Festi Pubblici (Xoghol ta' garr ta' knaten ghall-gos-sit permezz ta' 'manual pallet trolley' li jirrizulta fi storbju eccessiv.*

*Jien noggezzjoni ghal din il-gustifikazzjoni ghax ix-xoghol li kien qed isir ma jaqghax taht id-definizzjoni ta' 'works' skond kif definit fil-ligi S.L.623.08 fejn jissemma car u tond;*

*'works' means the permanent works and temporary works, or either of them as appropriate, and include excavation, demolition, construction, building service works and finishing works.*

*IL-haddiema, billi kienu qed igorru materjal ghal gos-sit ma kienu qed bl-ebda mod jiksru din d-definizzjoni.*

*L-uzu tal-manual pallet trolley ma kienx qed jaghmel storbju eccessiv kif definit fl-istess S.L. 623.08 Ir-ritratt uzat mill-ufficjal taghkom biex juri x'kienu qed jaghmlu l-haddiema juri car x'tip ta' apparat kienu qed juzaw, apparat li ma jikkawzaw hsejjes amormali.*

*Minn tiftix li ghamilt sibt li min irraporta kien involut f'argument verbali u malintiz mal-imghallem tal-haddiema ghax kien wasal bix-xirja tieghu u ma setghax jghaddi ghad-dar tieghu. Ghaddew xi kliem ta' rabja sakemm l-imghallem irrealizza x'kienet il-problema u immedjatament offra lil dan l-individwu biex mhux talli biss jhallih jghaddi imma wkoll biex jghinu jgorr halli jehles malajr u minghajr tbatija. Izda ir-risposta ta' dan l-individwu kienet li hu kien diga ghamel rapport dwar dan l-incident.*

*Nista' nassigurakom li tul dan ix-xoghol kollu jien qieghed attent biex kemm jista' jkun ma nohloqx inkonvenjenti lill-girien kollha sal-punt li kull meta jigu b'oggezzjoni lanqas biss nara ghandhomx ragun jew le imma nassigurahom li kemm jista' jkun nikkuntentahom. Jien m'hinix xi kutrattur jew zviluppatur li ser inlesti x-xoghol u nitlaq l'hemm imma ghandi bicca art tieghi li x'hin inlestiha ser nibqa' nghix fil-post. Ghalhekk hu fl-interess tieghi stess l-ewwel u qabel kollox li jkolli relazzjonijiet tajba mal-girien.*

*Punt iehor zghir li nixtieq niccara hu li l-lok fejn ittiehed ir-ritratt li jiru l-haddiema jgorru huwa sqaq li sal-lum il-gurnata ghadu privat, jigifieri mhux triq pubblika. Ghalhekk ma nifhimx ezatt kif meta qed naghmel preparamenti go 'hwejgi', ovvjament bil-prekawzjonijiet kollha tal-kaz, qed nikser xi regolament.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet nitlbkom li tnehhu il-multa li ghogobkom timponuli."*

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;

2. Illi skont id-definizzjoni ta' xogħlijiet, u cioe' *"xogħlijiet" tfisser ix-xogħlijiet permanenti u x-xogħlijiet temporanji, jew xi wieħed minnhom kif ikun xieraq, u tinkludi xogħlijiet tal-iskavar, tad-demolizzjoni, tal-kostruzzjoni, ix-xogħlijiet ta' servizzi tal-bini u x-xogħlijiet ta' finitura"*. Allura ma huwiex minnu li x-xogħol li kien qiegħed jsir ma jaqax taħt id-definizzjoni tal-liġi *stante* li l-leġislatur uża t-terminu "tinludi" *kwindi* tali lista ma hijiex waħda konklussiva;

3. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2024, l-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell huwa dwar multa imposta mill-Awtorita' intimata, li permezz tagħha l-Awtorita' imponiet Penali Amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500) in segwitu ta' xogħlijiet li saru f'festa pubblika u ċioe fil-festa tal-Indipendenza, nhar il-21 ta' Settembru, 2023.

It-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex jesprimi ruħu rigward il-mertu tal-kwistjoni.

It-Tribunal sema' x-xhieda tas-Sur Marzio Capece Minutolo Del Sasso, li huwa l-bennej inkarigat mix-xogholijiet fuq is-sit in kwistjoni u kif ukoll ix-xhieda tal-uffiċjal tal-Awtorita' intimata, is-Sur Christopher Mercieca, li kien inkarigat mill-każ in kwistjoni.

Fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2024, is-Sur Marzio Capece Minutolo Del Sasso xehed li dakinhar tal-21 ta' Settembru, 2023, huwa u zewg impjegati minn tieghu, kienu qeghdin jġorru materjal tal-kostruzzjoni fuq karru manwali mit-triq li hija aċċessibli ghall-vetturi sas-sit in kwistjoni, li jinsab madwar 100 metru l'boghod minħabba li vettura ma' tistax tasal qrib is-sit.

Fl-istess seduta, is-Sur Marzio Capece Minutolo Del Sasso jkompli jixhed, li dak inhar ma' intuzax makkinarju bhall-*lifters* jew krejnijiet.

Fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2024, xehed l-uffiċjal tal-Awtorita' intimata, is-Sur Christopher Mercieca fejn stqarr li fil-21 ta'Settembru, 2023 huwa għamel spezzjoni fuq is-sit in kwistjoni u sab ħaddiema jħottu ġebel mit-triq principali ghas-sit in kwistjoni, li jinsab ġewaa sqaq.

Is-Sur Christopher Mercieca jkompli jixhed li dakinhar huwa ma' rax lil ħaddiema jagħmlu xi xogholijiet oħra għajr garr tal-gebel.

It-Tribunal iqis li hemm qbil dwar it-tip ta' xogħlijiet li kienu għaddejin dakinhar u jikkonferma dan, mir-ritratti li ġew sottomessi mill-Awtorita'.

Fid-dawl ta' dan, il-materja li għandu jiddeċiedi dwarha dan it-Tribunal huwa jekk ix-xogħlijiet ta' ġarr ta' materjal ta' kostruzzjoni humiex meqjusa bħala xogħlijiet li huma projbiti milli jsiru fi Ħdud jew festi pubbliċi *ai termini* tal-liġi.

It-Tribunal iqis li minkejja li fl-avviż tal-penali amministrattiva ġie identifikat bħala projbit "Xogħlijiet fil-Ħdud jew Festi Pubbliċi", kwalunkwe bażi għal tali penali għandha tkun il-liġi. Il-liġi applikabbli f'dan is-sens huwa l-Avviż Legali 340 tal-2022 li ma jiprojbixxix kwalunkwe xogħlijiet milli jsiru iżda jillimita dan għal "xogħlijiet ta' kostruzzjoni". Kostruzzjoni huwa definit bl-att prinċipali, l-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"kostruzzjoni" tfisser kwalunkwe att jew operazzjoni ta' inġinerija meħtieġa għal jew relatata mat-titjib tas-sit, it-tlugħ, l-estensjoni, it-tibdil, it-tiswija ta' bini jew struttura u "mibnija"*

*għandha tinftiehem f'dan is-sens;*

It-Tribunal iqis li l-liġi hija ċara f'dak li għandu jkun projbit fi Ħdud u festi pubbliċi. Dak li kien qiegħed isir fil-każ in kwistjoni ma huwiex meqjus bħala "xogħlijiet ta' kostruzzjoni" u minflok, jaqa' aktar taħt "xogħlijiet ta' finitura" li l-liġi tidefinixxi bħala:

*"xogħlijiet ta' finitura" tinkludi kull xogħol imwaħħal fi jew ma' bini biex tali bini jkun tajjeb għall-użu maħsub inkluża kull miżura kontinġenti meħtieġa biex jitwettqu tali xogħlijiet, iżda teskludi d-demolizzjoni, l-iskavar, il-kostruzzjoni u servizzi ta' bini;*

It-Tribunal iħoss li minkejja l-intenzjoni tal-leġislatur, l-għodda li jrid jaħdem biha dan it-Tribunal hija l-liġi kif giet miktuba.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jilqa' l-appell tas-Sur Vincent Buttigieg u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata li permezz tagħha imponiet il-penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt euro (€500).

**Decide**

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jilqa' l-appell u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata fil-konfront tal-appellant is-Sur Vincent Buttigieg, datata l-10 t'Ottubru, 2023.

********** VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL**********

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |